MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 625/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Carmel Pace, ID 67862(M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm428.74c) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, li jammontaw ghal mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm171.38c), fil-fond Isabel, Triq Gdida fi Triq Efesu, San Pawl il-Bahar, ghall-perjodu bejn it-12 ta' Settembru, 1994 sal-25 ta' Frar, 1999 skond il-

kont numru 958274470 u l-ammont ta' mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm257.36c) dovuti fil-fond Shop 2 Butcher, (Under Block E) Fuq tal-Hawli, Birgu skond il-kont numru 700658610, ghall-perjodu bejn l-20 ta' Dicembru, 1994 sat-28 t'Ottubru, 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm11.50c) spejjez ta' l-Ittra Ufficjali tas-7 ta' Novembru, 2003 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Neville Young jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------